

Brussell, 2 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16008/24
PV CONS 59
AG 182

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
19 ta' Novembru 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15634/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva 15639/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Dikjarazzjonijiet dwar dawn il-punti jinsabu fl-Addendum għal dan id-dokument.

b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 15641/24

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. Regolament ta' Rieżami tal-EMIR

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

 15043/24 + ADD 1
PE-CONS 41/24
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

2. Direttiva ta' Rieżami tal-EMIR

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

 15050/24
PE-CONS 42/24 +
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 53(1) TFUE).

3. Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG)

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

 15029/24
PE-CONS 43/24
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Suq Intern u Industrija

4. **Regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni**  15058/24 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġislativ PE-CONS 67/24
MI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-astensjoni tal-Latvja u l-Ungerija (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

5. **Regolament dwar il-waqfien tal-Pjattaforma Ewropea tal-ODR**  15113/24
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill 14152/24 + ADD 1
CONSOM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Ambjent

6. **Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju**  15263/1/24 REV 1
Adozzjoni tal-att leġislativ PE-CONS 92/24
CLIMA

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Italja tivvota kontra (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- | | | |
|----|---|----------|
| 3. | Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Diċembru 2024:
Abbozz ta' Aġenda Annotata
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 14800/24 |
| 4. | Djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt: diskussjoni speċifika għall-
pajjiż
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 12104/24 |
| 5. | Il-valuri tal-Unjoni fl-Ungerija/Artikolu 7(1) TUE, proposta
motivata
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | |
| 6. | Affarijiet oħra | |

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 15641/24

Dwar il-punt "A" Ir-Regolament ta' Rieżami tal-EMIR
nru 1: Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA

"Ir-Repubblika Ċeka laqgħet l-inizjattiva biex is-suq tal-ikklerjar tal-UE jsir aktar attraenti u ninsabu kuntenti ħafna li l-koleġislaturi kollha qablu li jinkludu l-eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar għad-derivattivi OTC li jirriżultaw minn servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar. Dan ser itaffi sostanzjalment il-piż tal-likwidità bla bżonn għall-klijenti u l-membri tal-ikklerjar tal-UE, itejjeb il-ġestjoni xierqa tar-riskju tal-portafolji tad-derivattivi, u b'hekk jagħmel is-suq kapitali tal-UE ġeneralment aktar kompetittiv ma' ġurisdizzjonijiet oħra mhux tal-UE.

Min-naħa l-oħra, billi nemmnu f'soluzzjonijiet xprunati mis-suq, konna mħassba dwar ir-rekwiżit ta' kont attiv mill-bidu nett tan-negozjati dwar l-EMIR. Fl-istess ħin, minkejja t-tħassib tagħna, dejjem ippruvajna nkunu kostruttivi kemm jista' jkun u lesti li naċċettaw rekwiżit operattiv ta' kont attiv dment li dan ma jkunx ta' piż żejjed għall-iżgħar parteċipanti fis-suq. Sfortunatament, jidher li l-aħħar kompromess jista' jkollu l-aktar impatt ta' piż u għali preċiżament fuq dawk l-entitajiet.

Fil-fehma tagħna, parteċipanti iżgħar fis-suq finanzjarju u mhux finanzjarju ser ibatu mhux biss mir-rekwiżit li jiftħu l-kont attiv innifsu, iżda wkoll minn kost sostanzjali ta' konformità. Dan jintroduċi tipi ġodda ta' rapportar u kalkolu ta' diversi limiti ġodda. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti huma diffiċli biex jiġu interpretati u mhumiex kompletament koerenti. Għandna dubji dwar jekk dan l-approċċ hux ser iżid in-negozjar u l-ikklerjar tad-derivati OTC fl-UE."

Dwar il-punt "A" Regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat
nru 4: fis-suq tal-Unjoni
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mad-Dritt Fundamentali tal-Ungerija u d-dritt primarju, prinċipji u valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma dawn u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-ġeneru bħala dak li jipprovdi opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. F'konformità ma' dawn u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' 'ġeneru' bħala referenza għal 'sess' u l-kunċett ta' 'data diżaggregata skont il-ġeneru' bħala 'ġbir ta' data abbażi tas-sess bijoloġiku' fil-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni, il-ġbir tad-data huwa possibbli biss abbażi tas-sess bijoloġiku."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni Ewropea tinnotta li l-ftehim finali milħuq mill-koleġislaturi dwar ir-Regolament dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmula b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni evolva b'mod sinifikanti f'termini tal-persunal u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni, meta mqabbel mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva li akkumpanjat il-proposta oriġinali (COM(2022) 453 final tal-14.09.2022), li kienet ibbażata fuq mudell deċentralizzat ta' implimentazzjoni flimkien ma' appoġġ għall-implimentazzjoni fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni tfakkar li, għall-QFP attwali, il-Kummissjoni qed topera skont il-prinċipju ta' persunal stabbli impost mill-awtorità baġitarja, u – minħabba l-firxa wiesgħa ta' kompiti addizzjonali li ġew konferiti lill-Unjoni mill-bidu tal-QFP - diġà tinsab taħt kostrizzjonijiet severi, li jagħmluha diffiċli li jiġu koperti anke l-ħtiġijiet tal-kompiti eżistenti. Ma hemm l-ebda marġni biex jiġu ffinanzjati uffiċjali jew persunal estern addizzjonali. Għalhekk, kwalunkwe komputu addizzjonali konferit mill-koleġislaturi lill-Kummissjoni għandu jkun akkumpanjat minn rinforzi korrispondenti tar-riżorsi li jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

Fid-dawl ta' dan hawn fuq, ir-riżorsi umani addizzjonali tal-Kummissjoni meħtieġa mill-ftehim finali approvat mill-koleġislaturi mhux se jippermettu lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju ta' persunal stabbli.

Dan se jirrikjedi pożizzjonijiet addizzjonali fit-tabella tal-persunal u approprjazzjonijiet korrispondenti, li għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali flimkien mal-appropriazzjonijiet baġitarji relatati.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll, fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, il-ħolqien ta' linji baġitarji addizzjonali fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku, tal-Programm tad-Dwana jew tat-tnejn li huma, iffinanzjati mill-appropriazzjonijiet disponibbli tal-Programm, sa fejn ikun permess skont il-bażijiet legali rispettivi, kif identifikat fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva aġġornata pprovduta mill-Kummissjoni, li se tintuża wkoll biex tiffinanzja l-implimentazzjoni tar-Regolament mill-Kummissjoni lil hinn mil-limitu tal-prinċipju ta' persunal stabbli. Dawn il-linji baġitarji ġodda se jkopru l-kost tal-aġenti kuntrattwali u nefqiet amministrattivi oħra tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament, li għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali."

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tilqa' l-oġettiv ewlieni tar-Regolament li jistabbilixxi regoli li jipprojbixxu lill-operaturi ekonomiċi milli jqiegħdu u jqiegħdu disponibbli fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw prodotti mis-suq tal-Unjoni magħmulin b'xogħol furzat bil-ħsieb li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li jingħata kontribut għall-għieda kontra x-xogħol furzat.

Fl-istess ħin, fil-fehma tal-Latvja, minħabba ċerti elementi fir-Regolament, għad hemm piż amministrattiv sinifikanti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mingħajr analiżi dettaljata tal-implimentazzjoni Prattika tar-Regolament. Fl-opinjoni tal-Latvja, għall-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament, huwa meħtieġ li jintgħażlu soluzzjonijiet bħal dawn li essenzjalment inaqqsu l-piż u l-ispejjeż amministrattivi, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu li jintlaħaq b'mod effettiv l-oġettiv ewlieni tar-Regolament.

Il-Latvja tippreferi soluzzjoni fejn il-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet kollha, u b'hekk tippromwovi ċ-ċertezza legali u approċċ unifikat fir-Regolament. Bl-għażla ta' din is-soluzzjoni, il-piż amministrattiv impost fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-konsum tar-riżorsi ser ikunu relatati biss mat-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa.

L-iskeda ta' żmien prevista fl-Artikolu 5(3), li matulha l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra dwar l-awtoritajiet kompetenti deżinjati u l-oqsma ta' kompetenza tagħhom hija sproporzjonatament qasira. Ser ikun meħtieġ li jiġi żviluppat qafas regolatorju għdid fi ħdanu, kif ukoll li tintgħażel awtorità kompetenti jew li tinholq istituzzjoni għdida għall-implimentazzjoni tar-Regolament. Għalhekk, skeda ta' żmien ta' 24 xahar għad-deżinjazzjoni tal-awtorità kompetenti bi 18-il xahar għall-pubblikazzjoni tal-linji gwida tkun aħjar għall-fini tagħha.

Id-dispożizzjoni fl-Artikolu 10 li tistipula li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeżinjaw punti ta' kuntatt biex jipprovdu informazzjoni u assistenza lill-SMEs ma għandha l-ebda valur miżjud ċar u flimkien mad-dispożizzjoni għall-Istati Membri biex jiżguraw li n-Network tal-Unjoni Kontra Prodotti mix-Xogħol Furzat ikollu r-riżorsi meħtieġa biex iwettaq il-kompiti assenjati lilu, inklużi riżorsi baġitarji suffiċjenti, dan ser jimponi piż u spejjeż amministrattivi addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.

Jiddispijčina li l-interkonnessjoni bejn l-ICSMS (Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq) u l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana għandha tiġi stabbilita sa mhux aktar tard minn 4 snin mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 7(5)). Fil-fehma tal-Latvja, din l-interkonnessjoni għandha tiġi stabbilita simultanjament mal-applikazzjoni tar-Regolament u mhux warajha, inkella l-kompiti assenjati lis-servizzi doganali għandhom jiġu mehmuża fil-mument tal-ħolqien ta' interkonnessjoni jew għandha tiġi pprovduta soluzzjoni ta' tranżizzjoni xierqa.

Aħna nesprimu wkoll dispjaċir li fil-qafas tar-Regolament, l-allokazzjoni tal-investigazzjonijiet abbażi tal-eżistenza tal-interessi tal-Unjoni ma ġietx ippreservata, peress li din is-soluzzjoni kkontribwiet għal involviment usa' tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament.

B'dan, il-Latvja tastjeni mill-votazzjoni dwar l-adozzjoni tar-Regolament."